

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 8.9.2009
KUMM(2009) 460 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**rigward il-pożizzjoni li għandha tieħu l-Komunità fil-
Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta dwar il-Ftehim li jstabbilixxi
t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Internazzjonali li jistabbilixxi t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001 ġie aċċettat mill-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/312/KE tal-15 ta' April 2002. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fis-27 ta' April 2002 għal perjodu ta' tmien snin u se jiskadi fis-26 ta' April 2010, sakemm ma jiġix estiż.

Fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta li saret f'Dhaka fil-5 u s-6 ta' April 2009, il-membri unanimament laħqu ftehim preliminari dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta għal perjodu inizjali ta' sentejn, f'konformità mar-Regola 25(b), suġġett, madanakollu, għall-approvazzjoni formali tal-awtoritajiet nazzjonali. Din l-estensjoni tippermetti biżżejjed żmien lill-membri sabiex jivvalutaw il-Grupp u eventwalment jiddeċiedu jekk jinnegozjawx ftehim li jissuċċedih, grazzi għall-estensjoni ulterjuri ta' sentejn.

Il-parteċipazzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Ftehim hija skont il-kompetenza esklussiva tagħha.

Id-deċiżjoni proposta ma tiddilx il-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea għall-baġit amministrattiv tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, liema kontribuzzjoni tibqa' dovuta għal kull sena finanzjarja.

L-għan ta' din il-proposta huwa li l-Komunità tiġi awtorizzata tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim.

Fid-dawl ta' dak li ssemma' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill li jadotta d-deċiżjoni mehmuża.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Komunità fil-Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta dwar il-Ftehim li jistabbilixxi t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikoli 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali li jstabilixxi it-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001 ġie ffirmat u konkluż f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/312/KE tal-15 ta' April 2002².
- (2) Skont ir-Regola 25(a) u (b), il-Ftehim li jstabilixxi t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001 għandu jiskadi fis-26 ta' April 2010 sakemm ma jiġix estiż lil hinn minn dik id-data b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, għal perjodu jew tnejn mingħajr ma jeċċedi t-total kombinat ta' erba' snin.
- (3) L-estensjoni ta' dak il-Ftehim hija fl-interess tal-Komunità Ewropea.
- (4) Għandha tiġi determinata l-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Komunità Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim li jstabilixxi t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001 għal perjodu wieħed jew tnejn mingħajr ma jeċċedi total ikkombinat ta' erba' snin u li din l-estensjoni tiġi notifikata lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

¹ ĠU C

² ĠU L 112, 27.4.2002, p. 34.